



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 30 ta' Ottubru 2007 (30.10)
(OR. en)**

14519/07

**AUDIO 37
TELECOM 129
CONSOM 124
PI 43**

NOTA TA' TIFSIR

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit
mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 25 ta' Ottubru 2007

lil: Sur Javier SOLANA, Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli

Suġġett: **IS-SITT RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT
EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U
SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI dwar l-
applikazzjoni tad-Direttiva 89/552/KEE “Televiżjoni mingħajr
Fruntieri”**

Id-Delegazzjonijiet isibu mehmuż dokument tal-Kummissjoni COM(2007) 452 finali.

Mehmuż: COM(2007) 452 finali



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 24.10.2007
KUMM(2007) 452 finali

**IS-SITT RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 89/552/KEE “Televiżjoni mingħajr Fruntieri”

IS-SITT RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 89/552/KEE “Televiżjoni mingħajr Fruntieri”

WERREJ

1.	Introduzzjoni.....	3
1.1.	L-isfond għal dan ir-Rapport.....	3
1.2.	L-iżvilupp tas-suq tat-televiżjoni fl-Ewropa	3
2.	Applikazzjoni tad-Direttiva.....	4
2.1.	Ġurisdizzjoni (Artikolu 2).....	4
2.2.	Avvenimenti ta' importanza prinċipali għas-soċjetà (Artikolu 3a).....	5
2.3.	Il-promozzjoni tat-tqassim u l-produzzjoni ta' programmi televiżivi (l-Artikoli 4 u 5)	6
2.4.	L-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-reklamar (mill-Artikoli 10 sa 20).....	7
2.5.	Il-protezzjoni ta' minuri u l-ordni pubblika (l-Artikoli 2a, 22 u 22a)	7
2.6.	Koordinament bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni.....	8
3.	Proposta għal Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżivi (AVMS)	8
4.	Aspetti internazzjonali	9
4.1.	It-tkabbir – il-prospetti.....	9
4.2.	Qafas internazzjonali dwar id-diversità kulturali	9
4.3.	Il-Kooperazzjoni mal-Kunsill ta' l-Ewropa.....	10
5.	Konklużjonijiet.....	10

1. INTRODUZZJONI

1.1. L-isfond għal dan ir-Rapport

Permezz ta' din il-Komunikazzjoni u skond l-Artikolu 26 tad-Direttiva 89/552/KEE¹, u kif emendata mid-Direttiva 97/36/KE² (id-Direttiva dwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri, li hawn taħt tissemma bħala 'id-Direttiva'), il-Kummissjoni qiegħda tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew is-sitt rapport dwar l-applikazzjoni. Ir-rapport huwa dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva matul il-perjodu 2005-2006.

L-għan ewlieni ta' dan ir-rapport huwa li jiddeskrivi u janalizza l-fatti prominenti dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva matul il-perjodu ta' referenza³. Peress li l-Kummissjoni adottat proposta biex din id-Direttiva tiġi modernizzata, dan ir-rapport se jirreferi wkoll għall-iżviluppi riċenti dwar din il-proposta leġiżlattiva, li bħalissa qed tiġi eżaminata mill-Kunsill u mill-Parlament skond il-proċedura tal-kodeċiżjoni⁴.

1.2. L-iżvilupp tas-suq tat-televiżjoni fl-Ewropa

Fis-snin riċenti, is-suq tat-televiżjoni, kellu sfidi importanti kemm ta' natura ekonomika kif ukoll teknoloġika. Fl-isfond għall-istabbiltà fid-dħul għall-għejun finanzjarji tradizzjonali bħall-ħlasijiet tal-liċenzji u r-reklamar, aktar diversifikazzjoni tas-sorsi ta' dħul marbuta mal-multiplikazzjoni ta' servizzi, ippermettiet lis-settur tax-xandir itejjeb l-prestazzjoni ekonomika globali tiegħu fejn jidħol il-fatturat (id-dħul nett totali tal-kumpaniji tar-radju/televiżjoni fl-2004 kien ta' madwar €72.8 biljun, żieda ta' 7.9% meta mqabbel ma' l-2003⁵). Madankollu, din ix-xejra ma żammitx lura lil konċentrazzjoni ta' operaturi foqasma speċifiċi, bħat-Televiżjoni bil-Ħlas, fejn il-kundizzjonijiet tan-negozju f'ħafna każijiet ma ppermettewx il-preżenza simultanja ta' diversi operaturi fi swieq nazzjonali individwali.

L-iżvilupp tax-xandir tat-televiżjoni diġitali u, aktar riċentement, tax-xandir tat-televiżjoni diġitali permezz tal-protokoll ta' l-internet (IPTV), u forom oħra ta' kontenut onlajn, daħħal element ieħor ta' bidla fl-industrija tax-xandir li issa hija kapaċi timmultiplika l-firxa tas-servizzi tagħha sa punt li s'issa kien għadu mhux magħruf. Dawn l-iżviluppi teknoloġiċi ċertament se jkomplu jinfluwenzaw lis-settur fis-snin li ġejjin, b'żieda fil-kompetizzjoni fi ħdan is-settur kif ukoll minn partijiet ġodda. Madankollu, mhux possibbli li bħalissa tipprevedi liema mudell ta' impriża se jibbenefika l-aktar mill-kundizzjonijiet teknoloġiċi li qed jinbidlu.

¹ ĠU L 298, 17.10.1989, p. 23.

² ĠU L 202, 30.7.1997, p. 60.

³ Isegwi l-ħames rapport dwar l-applikazzjoni (COM(2006) 49 finali).

⁴ Għal aktar informazzjoni dwar il-modernizzazzjoni ta' din id-Direttiva, ara: http://ec.europa.eu/avpolicy/reg/tvwf/modernisation/proposal_2005/index_en.htm.

⁵ L-Osservatorju Ewropew Awdjoviżiv, *Yearbook* 2006.

Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ffissat l-2012 bħala mira indikattiva biex jintefa' x-xandir analogiku⁶.

L-għadd ta' servizzi disponibbli fil-Komunità mkabbra f'nofs l-2006 qabeż it-bassir preċedenti. Minbarra l-122 stazzjon nazzjonali analoġiċi, madwar 1,335 stazzjon diġitali kienu disponibbli fuq pjattaformi multipli (*cable*, satellita, terrestri, IPTV)⁷. Għadd minn dawn l-istazzjonijiet immiraw lejn is-suq ta' Stat Membru ieħor jew kienu bbażati 'l barra mill-Unjoni. F'nofs l-2006 kien hemm 370 tali servizz⁸. Minbarra l-istazzjonijiet disponibbli nazzjonalment jew transnazzjonalment, l-għadd ta' stazzjonijiet reġjonali huwa stmat li hu ta' madwar 3,000⁹.

Ikkonfrontati minn tali żieda u diversifikazzjoni fl-offerta, it-telespettaturi ma bidlux b'mod sostanzjali l-użanzi tagħhom. Huwa ċar li l-udjenzi ġew frammentati aktar hekk kif it-telespettaturi bidlu sa ċertu punt għall-istazzjonijiet diġitali ġodda. Madankollu, it-tnaqqis li ilu li kien ġie imbassar fil-ħin li jqattgħu jaraw it-televiżjoni biex jużaw l-Internet ma mmaterjalizzax. F'ċerti pajjiżi l-ħin li t-telespettaturi jqattgħu jaraw it-televiżjoni fl-2005 żdied, imqabbel ma' l-2004 (il-Belġju, Franza, l-Irlanda u l-Polonja). L-Ungerija tibqa' l-pajjiż fejn l-livelli ta' l-udjenzi huma l-oġhla (265 minuti/jum), waqt li d-Danimarka hija fejn it-telespettaturi jqattgħu l-anqas ħin jaraw it-televiżjoni (153 minuti/jum).

2. APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA

2.1. Ġurisdizzjoni (Artikolu 2)

Il-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini huwa l-qofol tad-Direttiva. Skond dak il-prinċipju, s-servizzi li jkunu konformi mal-liġi tal-pajjiż fejn ikunu stabbiliti l-fornituri tagħhom, jistgħu jiċċirkolaw bil-libertà fi ħdan is-suq intern tal-Komunità. Madankollu, l-Artikolu 2a(2) tad-Direttiva tipprovdi għall-Istati Membri biex jidderogaw minn Artikolu 2a(1) fejn xandira bit-televiżjoni li tkun gejjja minn Stat Membru ieħor manifestament, serjament u gravement tikser l-Artikolu 22(1) jew (2) jew l-Artikolu 22a.

Waqt li għamel użu minn din id-dispożizzjoni, fl-20 ta' Diċembru 2004, il-gvern tar-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni li kellu l-ħsieb li ma jippermettix is-servizz televiżiv magħruf bħala "Extasi TV". Ir-raġuni li ngħatat kienet li dan is-servizz kien manifestament, serjament u gravement kiser l-Artikolu 22 ta' din id-Direttiva. Is-servizz ixxandar permezz ta' stazzjonijiet satellitari li jinsabu fi Spanja, iżda l-programm innifsu kien jiġi mmuntat u editjat mid-Digital World Television (DWT), stabbilita fl-Italja. Għalhekk kien hemm inċertezza dwar liema Stat Membru – jekk hux l-Italja jew Spanja - kellu l-ġurisdizzjoni fuq dan ix-xandar.

⁶ Komunikazzjoni ta' l-24 ta' Mejju, 2005, COM(2005) 204 finali.

⁷ L-Osservatorju Ewropew Awdjoviżiv, *Yearbook* 2006.

⁸ L-Osservatorju Ewropew Awdjoviżiv, *Yearbook* 2006.

⁹ L-Osservatorju Ewropew Awdjoviżiv, *Yearbook* 2006.

Ir-Renju Unit ikkonferma mar-rekwiżiti ta' konsultazzjoni u l-ksur ippersista. Permezz ta' ittra tad-9 ta' Frar 2005, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni li kienet saret ordni skond is-Sezzjoni 177 ta' l-Att tax-Xandir 1990, li l-effett tiegħu kien biex jagħmel illegali ċerti atti li huma neċessarji biex fir-Renju Unit ikun hemm riċezzjoni effettiva tas-servizz fil-kwistjoni. Fil-11 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-miżuri tar-Renju Unit kienu konformi mal-liġi Komunitarja, skond l-Artikolu 2a(2) tad-Direttiva¹⁰.

Problemi simili inqalgħu meta riedet tiġi deċiża l-ġurisdizzjoni rilevanti għas-servizzi RTL-TVi, Club RTL u "Plug TV", speċifikament jekk hux il-Belġju jew l-Lussemburgu li kien kompetenti. Fil-laqgħa tal-Kumitat ta' Kuntatt fil-15 ta' Novembru 2006, id-delegazzjoni Belġjana ressqet is-sottomissjoni tagħha dwar il-kwistjoni. Imbagħad kien hemm diskussjoni mad-delegazzjonijiet l-oħra kollha li kienu interessati. Id-delegazzjonijiet qablu li jikkooperaw aħjar sabiex isibu soluzzjonijiet konkreti għal tali problemi¹¹.

2.2. Avvenimenti ta' importanza prinċipali għas-soċjetà (Artikolu 3a)

L-Artikolu 3a(1) tad-Direttiva jipprovi biex kull Stat Membru jkun jista' jieħu miżuri sabiex jiżgura li avvenimenti li huma meqjusa bħala ta' importanza kbira għas-soċjetà ma jixxandru b'tali mod li jċaħħdu proporzjon sostanzjali tal-pubbliku mill-possibiltà li jsegwu dawk l-avvenimenti fuq it-televiżjoni ta mingħajr ħlas. Skond l-Artikolu 3a(2) tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tivverifika li dawk il-miżuri jkunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità (meta jiġu notifikati lilha), u għandha tippubblika l-miżuri meta jittieħdu b'mod effettiv mill-Istati Membri.

Fil-15 ta' Diċembru 2005, fil-kawża Infront vs il-Kummissjoni¹², il-Qorti tal-Prim'Istanza sabet li l-ittra tad-Direttur Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura li tinforma lill-Awtoritajiet tar-Renju Unit li l-Kummissjoni ma kellha l-ebda oġġezzjoni dwar il-miżuri marbuta max-xandir televiżiv ta' avvenimenti ta' importanza kbira kkostitwiet deċiżjoni skond l-Artikolu 249 KE. Abbażi ta' dan, il-Qorti annullat din id-deċiżjoni għal raġunijiet proċedurali ladarba ma ġietx adottata b'mod konformi mar-regoli tal-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda proċedura kulleġġjali, ta' delegazzjoni u ta' twettiq ta' deċiżjonijiet.

Wara din is-sentenza, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida dwar il-miżuri tar-Renju Unit skond ir-regoli tagħha dwar il-proċedura kulleġġjali, ta' delegazzjoni u ta' twettiq ta' deċiżjonijiet. Barra dan, il-Kummissjoni emendat il-verifiki kollha tagħha dwar il-miżuri ta' l-Istati Membri notifikati quddiem is-sentenza "Infront" skond is-sejbiet tal-Qorti u adottat deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jridu jiġu ppubblikati, flimkien mal-miżuri nazzjonali, fil-Ġurnal Uffiċjali, skond l-Artikolu 3a(2) tad-Direttiva¹³.

¹⁰ C(2005) 2335 finali.

¹¹ Ara l-paragrafu 2.6 hawn taħt.

¹² Kawża T-33/01, ir-rapporti tal-Qorti Ewropea 2005 paġna II-05897.

¹³ Deċiżjonijiet tal-25 ta' Ġunju 2007, għad iridu jiġu ppubblikati.

Barra dan, il-Kummissjoni se taġixxi skond is-sejbiet tal-Qorti fir-rigward tal-miżuri kollha ta' l-Istati Membri notifikati lill-Kummissjoni wara s-sentenza "Infront". Dan sar fir-rigward ta' l-abbozz ta' miżuri notifikati mill-Finlandja lill-Kummissjoni fit-2 ta' Ottubru 2006. Dawn il-miżuri kienu għaddejnin mill-verifika tal-Kummissjoni wara l-opinjoni favorevoli tal-Kumitat tal-Kuntatt. Kif kien indikat qabel, għet adottata d-deċiżjoni formali dwar il-kompatibilità ta' dawn il-miżuri mal-liġi Komunitarja u se tiġi ppubblikata flimkien mal-miżuri adottati fil-livell nazzjonali¹⁴.

2.3. Il-promozzjoni tat-tqassim u l-produzzjoni ta' programmi televiżivi (l-Artikoli 4 u 5)

Fit-22 ta' Awwissu 2006, il-Kummissjoni adottat is-Seba' Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva. Ir-rapport ikopri l-UE-25 fuq il-perjodu ta' referenza 2003-2004¹⁵.

Il-ħin medju tax-xandir għax-xogħlijiet Ewropej fl-UE-25 fl-2003, kien ta' 65.18% u fl-2004, 63.32%, li jirrappreżenta tnaqqis ta' 3.63% fuq erba' snin (2001-2004). Madankollu fuq sitt snin (1999-2004), kien hemm żieda ta' 2.64% fl-iskeda ta' xogħlijiet Ewropej. Meta jiġi evalwat il-progress skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva, iridu jitqiesu żewġ fatturi. L-ewwel, iċ-ċifri għall-2004 jinkludu l-għaxar Stati li fl-2004 saru membri ta' l-UE. It-tieni, il-metodu ta' kalkolu nbidel, għax l-istazzjonijiet sekondarji b'udjenzi taħt it-3% issa huma inklużi wkoll fil-kalkolu tal-proporzjonijiet medji tax-xogħlijiet Ewropej. Ir-riżultati juru li, minkejja x-xejra kemmxajn 'l isfel, l-iskedar tax-xogħlijiet Ewropej fl-UE issa stabbilizza ruħu fl-livell sew 'il fuq minn 60% mill-ħin ta' xandir totali. Partikolarment għall-għaxar Stati Membri li pparteċipaw f'dan l-eżerċizzju ta' monitoraġġ għall-ewwel darba, dan huwa żvilupp inkuraġġanti. Ta' min jinnota li r-rata ta' konformità għall-UE kollha għoliet b'aktar minn 4 punti matul dan il-perjodu ta' referenza. Għalhekk, l-applikazzjoni globali ta' l-Artikolu 4 tad-Direttiva fil-livell Ewropew kien sodisfaċenti.

Is-sehem tax-xogħlijiet Ewropej minn produtturi indipendenti fi ħdan l-UE-25, fl-2003, kien ta' 31.39% u fl-2004, 31.50%. Jista' jiġi osservat li hawnhekk m'hemm kważi l-ebda differenza bejn l-istazzjonijiet fl-UE-15 u dawk fl-għaxar Stati li saru membri ta' l-UE fl-2004, li laħqu prestazzjoni medja ta' 31.55% li hija saħansitra ogħla mill-istazzjonijiet fl-UE-15 (31.47%). Globalment, imqabbel mal-perjodi ta' referenza preċedenti, kien hemm nuqqas ta' 6.25% fuq sitt snin konsekuttivi (1999-2004). Madankollu, il-livell ta' trażmissjoni ta' xogħlijiet riċenti Ewropej minn produtturi indipendenti baqa' relattivament għoli ('il fuq minn 20% mill-ħin ta' xandir totali). Is-sehem tax-xogħlijiet Ewropej minn produtturi indipendenti huwa 'l fuq sew mill-mira ta' 10% stipulata fl-Artikolu 5 tad-Direttiva.

¹⁴ Il-gvern Finlandiż eventwalment adotta l-miżuri tiegħu fit-22 ta' Frar 2007. Dawn ġew innotifikati lill-Kummissjoni fis-26 ta' Marzu 2007.

¹⁵ Il-Kummissjoni Ewropea issa qed tħejji it-Tmien Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 għall-perjodu 2005-2006

2.4. L-applikazzjoni tar-regoli dwar ir-reklamar (mill-Artikoli 10 sa 20)

Matul il-perjodu ta' referenza, il-Kummissjoni segwiet proċeduri ta' ksur partikolarment b'rabta mal-ksur tar-regoli tar-reklamar. Dawn ġew identifikati wara lmenti ta' ċittadini jew abbażi ta' monitoraġġ minn konsulent indipendenti. Dan il-konsulent indipendenti fornixxa rapporti nazzjonali li kien fihom fatti u provi rilevanti dwar l-applikazzjoni konkreta tar-regoli kwantitattivi dwar ir-reklamar fuq it-televiżjoni minn xandara ta' ċerti Stati Membri fuq perjodu ta' żmien partikolari. Fl-2006, is-sitwazzjoni f'ħames Stati Membri ġiet eżaminata u r-rapporti korrispondenti twasslu kif kien jixraq għand il-Kummissjoni, li se tipprovdi għal reviżjoni xierqa.

Minbarra l-opinjoni motivata, mibgħuta lir-Renju tal-Belġju fl-2004 abbażi ta' rapport ta' monitoraġġ provdut mill-konsulent indipendenti, il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet fil-fond ma' l-awtoritajiet Belġjani. Fid-dawl tat-titjib miksub sadanittant taħt ir-responsabbiltà tagħhom, fl-4 ta' April 2006, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħlaq il-każ¹⁶. Fid-dawl ta' l-introduzzjoni ta' *spots* ta' reklami qosra magħrufa bħala *mini-spots*, matul it-trasmisjoni mill-ġdid tal-logħob tal-futbol, li nstabu li jmorru kontra r-regoli tad-Direttiva, inbagħtet ittra ta' notifika formali lill-Italja. Dan il-każ – li nqala' minħabba nuqqas ta' konformità mar-regoli tad-Direttiva - eventwalment ingħalaq mill-Kummissjoni fit-12 ta' Diċembru 2006 wara tibdil fil-leġiżlazzjoni Taljana fir-reklamar televiżiv¹⁷.

2.5. Il-protezzjoni ta' minuri u l-ordni pubblika (l-Artikoli 2a, 22 u 22a)

Fl-2004, il-Kummissjoni infurmat lill-*Asociación Nacional para la Protección y el Bienestar de los Animales* (ANPBA) li kienet se tirrifjuta t-talba minn din l-assoċjazzjoni biex tipprojbixxi x-xandir ta' ġlied tal-barrin minn xandara Spanjoli, waqt li qiesu n-nuqqas ta' lment mill-Istati Membri fejn jaslu tali programmi, fejn jindikaw il-ħsieb tagħhom li jidderogaw mill-prinċipju tal-libertà tar-riċezzjoni li jinsab fl-Artikolu 2a(2) tad-Direttiva. Wara din l-ittra, l-ANPBA ressqet ilment għand l-ombudsman. Wara li eżamina l-każ, dan ta' l-aħħar sab li ma kienx hemm traċċa ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni meta ttrattat l-ilment u għalhekk għalaq il-każ b'deċiżjoni fit-12 ta' Jannar 2006¹⁸. Sadanittant il-Kummissjoni kienet għalqet il-każ¹⁹.

Fl-20 ta' Diċembru 2006, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw [Rakkomandazzjoni](#) dwar il-protezzjoni tal-minuri u tad-dinjità tal-bniedem u dwar id-dritt ta' tweġiba. Ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq ir-[Rakkomandazzjoni](#)

¹⁶ Ħafna mill-ksur tad-Direttiva identifikat fir-rapport ta' monitoraġġ kienu minn xandara stabbiliti fi Fjandra. Minn dakinhar, ġie nnutat progress sostanzjali fis-superviżjoni tax-xandara u l-mod kif jimplementaw ir-regoli stabbiliti fid-Digriet tal-Midja Fjamming. Barra dan, fl-10 ta' Frar 2006, ġie stabbilit ir-regolatur tal-midja Fjamming (Vlaamse Regulator voor de Media) mill-Gvern Fjamming, li għandu aktar setgħat minn dak li qabel kien il-Commissariaat van de Media.

¹⁷ Ara b'mod partikolari l-emendi li saru lill-Artikolu 4 tar-Riżoluzzjoni Nru 538/01/CSP mir-Riżoluzzjoni 250/04/CSP.

¹⁸ Ilment 3133/2004 JMA kontra l-Kummissjoni Ewropea, deċiżjoni ppubblikata fuq: <http://www.ombudsman.europa.eu/decision/en/043133.htm>.

¹⁹ Id-deċiżjoni ttieħdet fit-12 ta' Ottubru 2005.

tal-Kunsill ta' l-1998, li se tibqa' fis-seħħ. Din testendi l-għan biex jinkludi l-litteriżmu medjatiku, il-kooperazzjoni u l-qsim ta' l-esperjenza u ta' l-aħjar prattiċi bejn korpi eżistenti awtoregulatorji jew koregulatorji, azzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-midja kollha, u d-dritt għal risposta f'relazzjoni mal-midja *online*. Il-Kummissjoni se twassal rapport dwar l-implimentazzjoni u l-effikaċja tal-miżuri speċifikati f'din ir-Rakkomandazzjoni, u li tirrevedi din ir-Rakkomandazzjoni jekk u meta jkun hemm il-ħtieġa.

2.6. Koordinament bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni

Il-laqgħat tal-Kumitat tal-Kuntatt saru fis-6 ta' April 2005 [it-22 laqgħa], l-14 ta' Ottubru 2005 [it-23 laqgħa] u l-15 ta' Novembru 2006 [l-24 laqgħa]. Fil-21 laqgħa tal-21 ta' Ottubru 2004, il-Kumitat ta' Kuntatt iddeċieda li jagħmel il-minuti disponibbli pubblikament, sabiex iżid it-trasparenza. Issa jinsabu fuq il-websajt tal-Kummissjoni²⁰.

Il-Kumitat segwa t-tħejjijiet għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri, f'diversi okkażjonijiet ittratta kwistjoniet ta' ġurisdizzjoni u ġeneralment segwa kwistjonijiet dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva. Fil-kuntest ta' l-24 laqgħa, id-delegazzjonijiet Lussemburgiża u Belġjana ddikjaraw ir-rieda tagħhom li jsibu soluzzjoni li tiggarrantixxi li l-kumpanija CLT, tirrispetta l-obbligi marbuta mal-produzzjonijiet awdjoviżivi fl-ambitu tar-regolamenti tal-Komunità Franċiża tal-Belġju. Waqt l-istess laqgħa, il-Kumitat ta' opinjoni favorevoli dwar il-miżuri Finlandiżi skond l-Artikolu 3a TVWF (avvenimenti prinċipali).

Minbarra l-laqgħa ta' Marzu 2005 dwar il-kwistjoni ta' l-inċitament għall-mibegħda fix-xandiriet minn barra l-Unjoni Ewropea, bħal *Al Manar* jew *Sahar I*, f'Marzu 2006, il-Kummissarju Reding laqqgħet il-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Awtoritajiet Nazzjonali Regulatorji għal laqgħa annwali. Ġew diskussi diversi kwistjonijiet, b'mod partikolari r-reviżjoni ta' ċerti obbligi li saru f'Marzu 2005 biex jiproteġu l-libertajiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea u fil-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali.

3. PROPOSTA GĦAL DIRETTIVA DWAR IS-SERVIZZI TAL-MIDJA AWDJOVIŻIVI (AVMS)

F'Diċembru 2005 ġiet adottata proposta leġiżlattiva għal direttiva dwar is-servizzi tal-midja awdjovizivi²¹. L-adozzjoni segwiet żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi fl-2003 u fl-2005 u konferenza għal partijiet prinċipali interessati f'Settembru 2006 ġewwa Liverpool²².

Il-proposta leġiżlattiva issa tinsab fil-proċedura ta' kodeċiżjoni mal-Parlament u mal-Kunsill. Wara l-ewwel diskussjoni f'Mejju 2006 dwar il-proposta tal-

²⁰ http://ec.europa.eu/comm/avpolicy/reg/tvwf/contact_comm/index_en.htm.

²¹ http://ec.europa.eu/comm/avpolicy/reg/tvwf/modernisation/proposal_2005/index_en.htm.

²² http://ec.europa.eu/comm/avpolicy/reg/tvwf/modernisation/index_en.htm.

Kummissjoni, fit-13 ta' Novembru 2003, taħt il-Presidenza Finlandiża, il-Kunsill qabel dwar l-istrateġija ġenerali.

Fl-ewwel qari tagħha fit-13 ta' Diċembru 2006, il-Parlament kkonferma fil-biċċa l-kbira l-proposta tal-Kummissjoni b'konsensus ċar fuq l-għan, il-koregolamentazzjoni u l-awtoregolamentazzjoni, ix-xogħlijiet Ewropej u l-istrateġija fuq żewġ livelli. L-emendi li ġew adottati huma ġeneralment konsistenti ma' l-istrateġija ġenerali tal-Kunsill²³. Il-Kummissjoni adottat il-proposta emendata tagħha fid-29 ta' Marzu 2007. Fl-24 ta' Mejju 2007, taħt il-Presidenza Ġermaniża, ġie adottat ftehim politiku dwar il-Pożizzjoni Komuni²⁴.

4. ASPETTI INTERNAZZJONALI

4.1. It-tkabbir – il-prospetti

L-UE kibret minn 25 għal 27 membru matul il-perjodu taħt skrutinju, wara l-adeżjoni tar-Rumanija u l-Bulgarija fl-1 ta' Jannar 2007. Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u (dawk li qabel kienu) il-pajjiżi kandidati żviluppaw skond l-istrateġiji ta' qabel l-adeżjoni. Il-Kummissjoni mmonitorjat il-proċess, waqt li tat attenzjoni partikolari lill-iżvilupp tal-ħiliet amministrattivi u ġudizzjarji li hemm bżonn biex tiġi implimentata d-Direttiva.

Il-Kroazja, it-Turkija u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja issa huma pajjiżi kandidati. Fit-3 ta' Ottubru 2005, l-UE nediet uffiċjalment in-negozjati ta' l-adeżjoni mal-Kroazja u t-Turkija. In-negozjati ma' l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għadhom ma bdewx.

Fir-rigward tal-pajjiżi Balkani tal-Punent, il-Kunsill Ewropew enfażizza diversi drabi l-prospetti tagħhom isiru membri ta' l-UE. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Kunsill ta' l-Ewropa, qed issegwi strateġija għall-konverġenza tal-politika awdjoviżiva ta' dawn il-pajjiżi ma' l-istandards Ewropej dwar il-midja.

4.2. Qafas internazzjonali dwar id-diversità kulturali

Matul il-perjodu ta' rappurtaġġ, ittieħdu passi importanti biex jappoġġaw l-għanijiet komuni tal-politika awdjoviżiva Ewropea, bħall-affermazzjoni tad-diversità kulturali flivell internazzjonali.

Fit-18 ta' Diċembru 2006, il-Komunità rratifikat il-Konvenzjoni dwar il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità ta' l-espressjonijiet kulturali, adottata fl-20 ta' Ottubru 2005, mill-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO, b'hekk tat kontribut deċiżiv lid-dħul fis-seħħ malajr tal-Konvenzjoni (tliet xhur wara li ġie

²³ <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?pubRef=-//EP//TEXT+TA+P6-TA-2006-0559+0+DOC+XML+V0//MT>.

²⁴ Għal aktar tagħrif ara:
http://ec.europa.eu/avpolicy/reg/tvwf/modernisation/proposal_2005/index_en.htm

depożitat it-30 strument ta' ratifika, jiġifieri fit-18 ta' Marzu 2007) u għat-tnedija tal-proċess ta' implimentazzjoni.

Barra dan, l-UE kkonkludiet serje ta' negozjati ma' 17-il membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) dwar il-modifiki ta' l-obbligi ta' negozju fis-servizzi skond il-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS) wara l-adeżjoni fl-UE ta' 13-il Stat Membru mill-1995, sabiex tali obbligi jiġu konformi ma' dawk tal-KE-12, u jikkonsolidawhom fi Skeda unika ta' obbligi ta' kummerċ li tkun tapplika fl-UE kolha (KE25 Skeda konsolidata ta' obbligi GATS). Ir-risultat ta' dawn in-negozjati jirrappreżenta riżultat pożittiv għad-diversità kulturali fejn is-settur awdjoviżiv bħalissa jgawdi mill-istess garanziji fl-UE mkabbra kollha taħt il-GATS (jiġifieri n-nuqqas ta' aċċess tas-suq u l-obbligi ta' trattament nazzjonali). Issa huwa ċċarat b'mod espliċitu għall-25 Stat Membru li d-dispożizzjoni tal-kontenut hija eskluża mill-obbligi dwar is-servizzi tat-telekomunikazzjoni u li s-salvagwardji jiġu żgurati fir-rigward ta' l-esklużjoni mill-obbligi fil-qasam tas-servizzi informatiċi għas-servizzi awdjoviżivi bis-saħħa tal-kompjuter u s-servizzi relatati.

4.3. Il-Kooperazzjoni mal-Kunsill ta' l-Ewropa

Il-Kummissjoni tattendi laqgħat ta' **Kumitat ta' Direzzjoni dwar is-Servizzi tal-Midja u Komunikazzjonijiet Ġodda (CDMC)** bħala delegat osservatur. Is-CDMC tmexxi x-xogħol tal-gruppi ta' l-esperti u korpi subordinati li għandu x'jaqşam ma' kwistjonijiet ta' midja u komunikazzjonijiet. L-aktar pertinenti minn dawn il-korpi huwa l-Kumitat Permanenti dwar it-Televiżjoni Transkonfinali, li josserva l-implimentazzjoni tal-Kunsill ta' l-Ewropa dwar il-Konvenzjon għat-Televiżjoni Transkonfini. Dan il-kumitat, fil-preżenza ta' osservatur tal-Kummissjoni, riċentement nieda x-xogħol ta' tħejjija biex il-Konvenzjoni tiġi riveduta. Ġie deċiż li l-konsistenza li ż-żewġ istituzzjonijiet rawmu tul il-ħafna snin bejn iż-żewġ strumenti, tinżamm.

Il-Kummissjoni Ewropea nediet ukoll inizjattiva biex tgħolli l-livell ta' l-informazzjoni dwar l-istandards awdjoviżivi regolatorji Ewropej fir-reġjun tal-Balkani fil-Punent u biex tappoġġa r-riforma politika f'kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' l-Ewropa. Fil-Balkani tal-Punent u fi Brussell seħħew serje ta' seminars biex jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni dwar standards regolatorji Ewropej u l-qagħda tal-politika dwar il-midja f'kull wieħed mill-pajjiżi fil-Balkani tal-Punent. Il-kisbiet prinċipali ta' din l-inizjattiva kienu: it-tisħiħ ta' kooperazzjoni reġjonali msaħħa u aktar kuxjenza dwar l-istandards Ewropej għal-libertajiet tal-midja u l-*acquis* awdjoviżiva ta' l-UE²⁵.

5. KONKLUŻJONIJIET

Id-Direttiva tkompli tiffunzjona b'mod effettiv bħala mezz li jiżgura l-libertà li jiġu provduti s-servizzi televiżivi fl-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni – li taġixxi bħala l-gwardjan tat-Trattat - tkompli tivverifika l-implimentazzjoni

²⁵ http://ec.europa.eu/avpolicy/ext/enlargement/index_en.htm

effettiva tad-Direttiva u fejn ikun hemm bżonn tieġu azzjoni biex tiżguraha. Is-seba' Komunikazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva tindika riżultati ġeneralment sodisfaċenti fir-rigward ta' stazzjonijiet li jilhqg r-rekwiżiti għax-xogħlijiet Ewropej. Fl-istess waqt, l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq li fetħu t-triq għal servizzi awdjoviżivi ġodda – pereżempju s-servizzi *on-demand* – jikkonfermaw il-bżonn li jiġi modernizzat il-qafas ġuridiku ta' l-UE. Dan isir meta d-Direttiva li temenda s-servizzi tal-midja awdjoviżivi tiġi finalment adottata.